# I L - M E L L I E H A
# P O S T  T A'  F O L K L O R  U  S T O R J A

R a f e l  B o n n i c i  C a l i'

Il-folklor ma nistgħux nifirduh mill-istorja, għax imorru flimkien. Qed nagħżel li nikteb dwar il-Mellieħa, fejn mill-eqdem żminijiet kienu jgħixu l-Maltin bikrija u l-qofol tad-distrett tat-tramuntana, qabel beda tiela' l-bini li naraw illum.

**Għerien u Leġġendi** Dan id-distrett miżgħud b'widien u għerien li fihom baqa' sinjali ta' meta kienu jgħixu fihom il-fqar jew l-annimali ħallew tagħhom, li xi drabi kienu jgħuxu kollha flimkien sa minn żmien il-ħaġar. Dawn l-għerien ma setgħax ikollhom għamara, ħlief xi mejda bil-ġebel u xi sodda tal-qasab u ħaxix, li minnu wkoll setgħu jinħadmu l-ħsajjar.

Ir-raħal antik tal-Mellieħa ssawwar mill-bdiewa u s-sajjieda. Is-sajjieda sabu baħar kemm riedu, u setgħu jagħmlu d-dgħajjes u ċattri mill-materjal tal-madwar, u l-bdiewa sabu art tajba u setgħu jgħinu lis-sajjieda bil-prodotti tagħhom, bil-ġummar, u tajjar magħżul li bih setgħu ukoll isiru ix-xbieki.

fil-Mellieħa kellhom snajja primittivi, fosthom il-fuħħar, bħalma kienhemm fl-inħawi l-oħra tal-gżejjer, għax wara' kollox dan ir-raħal jinsab bejn iż-żewġ gżejjer, u dak il-ftit baħar bejniethom malajr kien jinqasam.

Forsi għalhekk il-leġġenda tas-sbejħa Kalipso tingħad kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Il-Mellieħin jgħidu li Kalipso għexet fil-għar kbir bil-ġnien miegħu li hemm fuq ix-xaqliba tax-xatt li jħares lejn Għawdex, post idejali għall-ġmiel naturali tiegħu, fil-waqt li l-Għawdxin jgħidu li Kalipso għexet fil-għar li jħares fuq ir-Ramla l-Ħamra qrib ix-Xagħra. Il-leġġenda ta' Kalipso saret magħrufa mad-dinja kollha.

Kalipso, mara li sabet ruħha waħedha fi gżira, bla wens ta' sieħeb, iżda mdawwra biss bil-qaddeja nisa, ħadet ferħa, meta Ulisse, raġel b'saħħtu, ra l-għarqa qrib Malta meta tfarraklu l-bastiment fi triqtu lejn art twelidu, il-Greċja. Kien ġej minn Troja, art fejn saret gwerra; ried imur isib lil-martu, iżda Kalipso rieditu jibqa' magħha waqt li hu ma riedx jinsa lil-martu. Għalhekk ħadem ċattra bil-qlugħ mis-siġar u qasab li sab fil-qrib, u telaq lejn il-Greċja fost id-dieqa ta' l-imsejkna Kalipso.

Kien żmien li fih il-Maltin kienu jgħixu f'għerien fil-ġnub tal-widien u l-għoljiet. Minnhoom fadal ħafna fil-Mellieħa, fosthom jissemma l-Għarukaża, isem minn żewġ kelmiet, (għar, bil-Malti u casa bit-Taljan) li flimkien ifissru dar fil-blat. Hawn min isejjaħlu ukoll id-Dar ta' San Pawl, għax raġel devot ta' dan il-qaddis waqqaf statwa ta' San Pawl qrib l-għar biex ifakkar li dan il-qaddis żar ukoll il-Mellieħa.

**Knisja-Għar** Wara żmien il-leġġendi, waslu f'Malta in-Nejolitiċi li ġabu progress kbir fl-arti tal-bini, djar u dekorazzjoni fil-

ġebel, u li daħħlu reliġjon fejn il-figura ta' alla mara kienu jqimuha bħala omm il-bniedem. Warajhom ġew iċ-ċiviltajiet tal-Griegi u tar-Rumani li kellhom allat rġiel u nisa, fosthom Ġunone li bnew għaliha tempju f'Malta. Fl-aħħar wasal il-Kristjaneżmu bil-miġja ta' San Pawl 60 sena wara Kristu, u minn dak iż-żmien inħolqot it-tradiżżjoni li l-Mellieħa rat ukoll lil-San Pawl, li għażel għar imdaqqas biex fih jinġabru l-ewwel insara Maltin għall-qima t'Alla. Dan l-għar-knisja, kien baqa miżmum b'għożża kbira (bħalma sar f-għerien oħra f'Ruma) u nsibuh ġa magħżul bħala knisja prinċipali u parroċċa għat-tramuntana ta' Malta, fl-1436. Jidher li minn dak iż-żmien dan il-għar ġie meqjus bħala santwarju tal-Madonna, u x-xbiha tagħha bil-Bambin Ġesu' kienet meqjuma fiha bħala xbiha mirakoluża, imsejjħa mill-poplu "Il-Madonna tal-Mellieħa".

Dan il-għar-knisja daħal fi ġrajjet kbar fl-storja soċjali u folkloristika ta' Malta. Bħala komunita' il-poplu Mellieħi kellu ġid ta' art għammiela u tnixxijiet ta' ilma f'għadd ta' widien, fosthom, il-Wied Tal-Madonna, imsejjaħ hekk mill-knisja-għar li skond it-tradizzjoni fih l-eqdem xbiha tal-Madonna u t-tarbija Ġesu. Din għamlet dan il-post santwarju magħruf, u sar ċentru ta' devozzjonijiet u pelligrinaġġi. Minħabba f'hekk il-Mellieħa rat ukoll ġid materjali li sfortunatament spiċċa meta l-qawwiet Għarab u misilmin oħra bdew jattakkaw u jħarbtu, jisirqu u jieħdu nies fil-jasar, bħalma għamlu fl-1551, meta wara li ħabtu għall-Imdina u l-Mellieħa bla suċċess, marru Għawdex u tista' tgħid qerduh għal-kollox. Saru attakki u ħerba ukoll bosta drabi oħrajn, bħal fl-1565 u l-1614, u f'dawn iż-żminijiet il-Mellieħin bdew iħallu djarhom u jerħulha għall-Mosta u n-Naxxar, biex il-parroċċa sfat fix-xejn u ffurmat parti minn dik tan-Naxxar.

**Devozzjonijiet u Ilma Mirakoluż** Sentejn wara' li ġarrab ħsarat is-santwarju tal-Mellieħa fl-1614, sewwieh bi flusu Sqalli' Mario De Vasi, u għaqqad il-grotta ta' l-ilma safi li kien hemm fil-Wied tal-Madonna, b-taraġ ma' ġenb l-istess santwarju. Fuq in-nixxiegħa poġġa wkoll statwa tal-Madonna bil-Bambin maħduma fil-ġebel, li bdiet issir devota minħabba li l-ilma beda jintuża għall-fejqan għal-kull xorta ta' mard. Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Mellieħa kompliet tikber bil-għotjiet tal-poplu u tal-kbarat, fosthom ta' xi kavallieri li offrew flus u rigali oħra għaż-żamma tas-santwarju. Xemgħa u żejt bdew jingħataw minn kull xorta ta' nies, iżda l-aktar xemgħa magħrufa kienu dawk li ġew mogħtija minn ċertu musulman li kien għamel ħsara lis-santwarju fl-1614. Meta kien żeblaħ xi xbiha mqaddsa, idejh ibbiesu, u ħarab, iżda malajr nidem u l-Madonna fejqitu, għalhekk baghat żewġ xemgħat bil-kitba fuqhom b'ilsien pajjiżu.

l-*Ex-Voto* Ix-xbiha tal-Madonna ġiet restawrata, iżda kellha ħsarat oħra mill-umdita' fil-ġebla li kienet pinġuta fuqha. Kompliet id-devozzjoni tal-poplu, kif jixhdu l-għadd ta' wegħdiet (ex-voto) ta' kull xorta u ta' kull żmien, li għadd minnhom għadhom jidhru mal-ħitan tas-santwarju, u meta ma kienx baqa spazju, dawn bdew jiddendlu ukoll fil-grotta ta' l-ilma, fejn nistgħu naraw ħbula ta' bastimenti, kwadri żgħar bit-tpinġijiet ta' dgħajjes, xeni ta' mard u tifkiriet oħra ta-dwej-

jaq, kollha ifakkru l-grazzji li nqalgħu wara talb lill-Madonna.

Ma' dawn il-kwadri tal-wegħdi, minbarra ix-xena pinġuta, xi drabi ikunhemm ukoll il-kitba li tfisser il-fehma tad-donatur, bl-isem u d-data, filwaqt li oħrajn fihom biss l-ittri V.F.G.A., li jfissru *Voto fatto grazia avuta* bit-Taljan, billi dari l-anmministrazzjoni kienet tuża dak l-ilsien. Fost l-*ex-voto* mogħtija lill-Madonna tal-Għar tal-Ilma, hemm ilbiesi tat-trabi li l-ommijiet jagħtu lill-Bambin tal-ġebel f'dirgħin il-Madonna, għalhekk il-libsa tal-Bambin ta' spiss kienet tinbidel skond il-għadd ta' grazzji li jinqalgħu mit-trabi. Din l-użanza kibret aktar wara l-1887 meta għadd ta' nies raw id il-Madonna tal-ġebel titħarrek u tbierk għal kemm il-darba, ħaġa li l-istess nies iddikjaraw bil-kitba f'isimhom, fosthom saċerdoti u patrijiet.

**Leġġendi Oħrajn** Il-folklor jidħol f'kollox, u daħal ukoll fit-taraġ tal-Għar ta' l-Ilma. Jingħad li min jinżlu u jgħodd 74 tarġa, meta jitla u jgħoddu isib waħda inqas jew iżjed. Leġġenda oħra tgħid li wara l-istatwa tal-Madonna ta' din l-għar, hemm xaqq kbir fil-blat li min jidħol fih ma jerġax lura, għax jaqa ġo dagħbien fondi; il-ħrafa tkompli tgħid li fih intefgħu seba' xbejbiet f'jum wieħed, meta ż-żgħira marret iġġib l-ilma mill-għar u ma reġgetx lura aktar. Ħutha l-oħrajn, waħda wara l-oħra marru jfittxu lil xulxin u kollha sparixxew. L-istess ħrafa tingħad għal għar li kien jinsab qrib il-kapuċċini t'Għawdex, kif ukoll, kif rajna, tingħad il-leġġenda Maltija ta' Kalipso.

**Il-Festi** Il-festa tat-twelid tal-Madonna (il-Vitorja), it-titular tal-Mellieħa, ilha ssir minn mindu saret parroċċa, u bosta tfal bdew jingħataw l-isem ta' Vitor jew Vitorja, iżda meta marret lura minħabba r-raġunijiet li ġa rajna, l-iqfijiet bdew jaħtru prokuraturi minflok kappillani, biex jieħdu ħsieb is-santwarju u l-festi tiegħu. Uħud minn dawn il-prokuraturi ħallewlna bosta tagħrif dwar x'kien isir fil-festi, fost l-oħrajn isemmu il-pranzu li kien jingħata lill-prokuratur, saċerdoti, mużiċisti u mistednin oħra, li jiswa ħafna għall-folklor Malti. Fil-festi bejn l-1709 u l-1714, saru ħames pranzijiet li bejniethom qamu 20 skud biex inxtraw il-laħam tal-majjal, ċanga u muntun, bajd, inbid tal-muskatell, dqiq, ħobż, spġagetti, bċieċen, sriedaq, ġobon ta' Kalabrija, suprissat tal-ħut, passolina u pruna; kos, kemm tbiddlu l-affarijiet...illum trid elfejn lira biex tagħmel dawk il-pranzijiet. Pranzu ieħor tal-1742, sewa 26 skud biex tħallsu il-karrettuni li ġarrew kullma kien jinħtieġ, fosthom tazzi tad-dawl taż-żejt għall-mixgħela tal-festa, xi nies, u wkoll proviżjon ta' ħobż, ġobon, inbid, tonn, bakkaljaw, sardin, bajd, frott, ross, zokkor, dqid, żejt, butir, ħaxix, biskuttini, rożolin u silġ.

Billi fis-santwarju twaqqfet ukoll il-fratellanza tar-Rużarju mqaddes fl-1669, bdiet festa oħra tal-Madonna tar-Rużarju. Din il-festa li ssir f'Ottubru, kellha l-obbligu li fiha ssir il-priedka li tfisser il-Vittorja tal-flotta nisranija fuq dik Torka, fl-1514. F'din il-battalja ħarxa ħadu sehem ukoll ix-xwieni tal-Kavallieri ta' San Ġwann u bosta Maltin, fil-qawwiet insara li kien ġabar il-Papa Piju V, devot kbir tar-

Rużarju Mqaddes. Minħabba li l-Mellieħa ma kellhiex il-qassisin tagħha, għall-festa kellhom jistiednuhom minn bosta postijiet oħrajn, kollha jinħtieġu t-trasport bil-karrettuni, u xi kbarat kien ikollhom jiġu bil-kaless li jrid iħallsu il-prokoratur. It-traspġort lejn il-Mellieħa dejjem kien iebes, minħabba t-triq twila u t-tlajja u nżul li fiha; aktarx il-passiġġieri kien ikollhom jinżlu mill-karrettun u jimxu t-tela' ta' Selmun, għax iebsa wkoll għall-bhejjem. Billi t-triq tal-Mellieħa kienet iebsa għal-kulħadd, kienhemm min bħala penitenza jagħmel wegħda li jmur is-santwarju bil-mixi.

**Pellegrinaġġi** Devoti tas-santwarju tal-Mellieħa kienu jissieħbu f'ċorma ħbieb, u jagħmlu pellegrinaġġ kbir, bħal meta kienhemm il-pesta jew nuqqas ta' xita. Għalhekk fil-bitħa tas-santwarju, ir-retturi bnew kmamar għal mistrieħ għan-nies u l-bhejjem. Fit triq li twassal għas-santwarju, x'uħud irranġaw xi għerien bix iservu ta' "lukandi" fqar u żgħar, billi bnew xi kamra quddiemhom. Minbarra dawn infetħu wkoll xi ħwienet żgħar bi ħtiġijiet oħra ta' xorb u ikel, li ħareġ l-għajdut "Ħanut fil-Mellieħa itellef wieħed fil-Belt", għax tabilħaqq min kien ikun irid iqatta' ħin twil il-Mellieħa kien ikollu jieħu miegħu xi ikel, qabel ma saru dawn il-ħwienet u lukandi żgħar. Fil-1719 fid-daħla tas-santwarju kien inbena ark sabih biex ifakkar il-pellegrinaġġi kbar; fuqu hemm il-kitba "fik ittamaw missirijietna u inti ħlisthom", kliem meħud mis-salm 21. Din hi aktarx l-ewwel kitba bil-Malti fuq bini tal knisja, li għandha siwi folkloristiku.

**Il-"Lukanda"** Qabel ma bdew il-karrozzi tal-linja fis-snin għoxrin, niftakar tajjeb meta darba qattajt jum f'waħda minn dawn il-lukandi. F'Santa Marija ta' nofs Awwissu tal-1923, jum ta' xemx tikwi, kont mort ma tliet ħbieb li kellhom karrettun biż-żiemel. Għalkemm kellna saqqu fuq il-karrettun, kissirt għadmi kollha, għax it-triq mhux biss twila, iżda kollha ħofor, ħotob, u trab li ħaraqli għajnejja. B'dana kollu ħadt gost kbir, l-aktar bid-daqq tal-kniepen sbieħ li kienu saru ġodda għall-knisja l-ġdida ma' ġenb is-santwarju. Ħassejtni fil-ġenna, waqt il-moti bil-kbir f'nofsinhar u waqt l-għasar, meta l-Mellieħa kienet għadha tgħix fil-ħemda, mingħajr il-ħsejjes tal-muturi tal-karrozzi. Sħabi kienu daħħlu ż-żiemel fil-għar li kienhemm fil-bitħa tal-famuża lukanda, u stħajjiltha tixbaħ il-lukanda ta' Betlem, bil-faqar tagħha, fejn is-Sagra Familja lanqas kienet sabet post fejn kellu jitwieled il-Messija. Għaddejt jum wisq ħieni, mimli poeżija riflessjoni reliġjuża u storika fil-faqar ta' djar li rajt fit-toroq tal-Mellieħa. Il-qniepen stħajjilthom it-tlugħ tal-Madonna fis-sema. Fis-santwarju bdejt nara l-għadd kbir ta' *ex-voto* li bejniethom kienu jfakkru bosta ġrajjiet ta' fejqan mill-mard u ħelsien minn dwejjaq ieħor. Kien dakinhar li akkwistajt kopja ta' l-istorja tas-santwarju tal-Mons. Carlo Cortis, li ħajritni nkun aktar devot tal-Madonna tal-Mellieħa, u wkoll biex nikteb l-istorja jien ukoll. Meta nżilt biex nara l-Għar ta' l-ilma tal-Madonna, raġel Mellieħi xwejjaħ, bl-akbar serjeta' qalli stejjer strambi dwar dehriet ta' ħaruf fis-santwarju, li dehru li kienu ħlieqa minn moħħu. u xejn aktar!

Wara din id-darba mort darbtejn oħra nżur il-Madonna tal-Mellieħa wasalt ukoll biex nistudja l-istorja tas-santwarju,

niktibha u nippublikha fl-1952. Studjuż ieħor tas-santwarju, Ġanni Mifsud. mill-Mellieħa, ukoll sawwar l-istorja oħra tas-santwarju, li minnha sirt naf dettalji siewja għall-folkor reliġjuż-soċjali. Fost affarijiet oħra qalilna, li fl-1807 saru mitejn santa stampati bix-xbiha tal-Madonna tal-Mellieħa bi prezz ta' sitt skudi, biex tqassmu fost id-devoti, u saru ukoll labtijiet bl-istess xbiha. Qalilna wkoll dwar l-armar tat-triq għall-festa tal-1882, meta kien sar ark kbir kollu mixgħela bit-tazzi taż-żejt. Jitkellem ukoll dwar il-ġbir tal-flus għall-manutenzjoni tas-santwarju. Minbarra il-ġbir mill-kaxxi ta' mal-ħajt u bis-satla fil-knisja, il-prokuratur kien iqassam għadd ta' frieħ ta' majjali, nagħaġ u annimali oħra fost il-bdiewa, biex wara li jsemmnuhom, dawn jinbiegħu b'irkant, kif kienu jagħmlu prokuraturi u retturi oħrajn fl-imgħoddi. Minbarra dan, il-gabillotti, li kellhom ir-raba' tas-santwarju, kienu obbligati li fil-festi tan-Nawfraġju u l-konversjoni ta' San Pawl, mal-qbiela jagħtu wkoll frott, annimali jew prodotti oħra minn tagħhom.."kull baqra tirfed l-imramma' kienu jgħidu x-xjuħ tagħna. Il-festa tal-Mellieħa kompliet tikber, u għal dik tal-1808 ġa niltaqgħu mal-logħob tan-nar, bl-irdieden u sfafar, u fl-1816 mat-80 fanal, u lampieri u fjakkli għall-mixgħela, u d-daqq tal-banda meta l-baned kbar kif nafuhom issa kienu għadhom ma bdewx; għalhekk ngħidu li l-banda tal-Mellieħa kienet magħmula minn ftit mużiċisti li kienu tajbin biżżejjed biex tqum 4 skudi, u nistgħu inqabbluha ma' dawk tad-Dude' u ta' Indri'.

**Għana** Ta' min jgħid li fis-seklu 19, daħlet id-drawa li bosta Maltin kienu jmorru jqattgħu il-lejl ta' qabel il-festa fil-bitħa tas-santwarju, u jinfexxu fil-għana u daqq tal-kitarri, l-istess kif isir fil-Buskett fl'Imnarja. Dak iż-żmien kienu ħarġu bosta għanjiet, u waħda minnhom tibda bil-kliem "Meta morna tal-Mellieħa konna wieħed u għoxrin, hemmek rajna lill-Madonna u l-binha Ġesu' Bambin". Din kien qalhieli Salvu Mifsud, imlaqqam Panziku, studjuż ta' l-ilsien Malti minn Ħal-Lija.

**Wegħdiet tal-baħar** L-istorja tas-santwarju tal-Mellieħa tiġbor fiha ħafna rqaqat mill-ħajja ta' missirijietna mit-tpinġija ta' l-*ex voto* li qishom ktieb illustrat b'ħafna stampi mid-devoti li riedu jagħtu ħajr għall-grazzji li qalgħu. Fost dawn kienhemm il-Gran Mastru Perellos li fl-1708 mar iżur is-santwarju u offra mitt skud u lampier tal-filugranu tal-fidda, xogħol mill-ifjen ta' arġentiera Maltin. Fost l-aħjar pittura ta' l-*ex voto* hemm kwadru mdaqqas li l-balliju De Guttenburg ta bħala tifkira tal-ħelsien tal-flotta tal-kavallieri mill-maltempata kbira tal-1678, xogħol il-pittur Malti Stefano Erardi. L-*Ex-voto* ta' ħelsien ta' bastimenti mill-għarqa, huma kotrana fis-santewarju li jinsab tant qrib il-baħar, u bosta minnhom nagħtaw mill-ekwipaġġi ta' xwieni tal kavallieri, u għalhekk bosta mix-xwieni kien ikollhom kaxxi tal-landa żgħar għall-offerti għas-santwarju. Iżda wkoll sidien ta' bastimenti barranin kienu jagħtu *ex-voto*, u fost oħrajn insibu kwadru fuq l-injam, pinġut tajjeb minn artist Venezjan fuq stil biżantin.

**Għeluq** Bosta mill-oġġetti għall-bżonn liturġiku, ukoll ngħataw bħala wegħda jew *ex voto* minn għonja Maltin, bħalma huma kalċijiet, pjaneti ta' drapp fin, brokkati bid-deheb fin u bizzi-

lel, iżda fuq kollox insemmu tliet ilbiesi tal-fidda tax-xbiha tal-Madonna. Dawn l-ilbiesi kienu jgħattu ix-xbiha tal-Madonna u l-Bambin skond il-festi li jsiru. Brokkat tad-deheb f'nhar il-Madonna tal-Vitorja, tal-ħarir iswed iffjorit fir-randan u oħra tal-brokkat abjad skond festi oħrajn liturġiċi. Billi ix-xbiha għażiża tal-Madonna tal-Mellieħa ġiet inkurunata solennement fl-1889, bdew jgħattuha b'purtiera sabiħa kollha rakkmu tad-deheb, u jikfuha nhar t'Erbgħa, is-Sibt u fil-festi, skond l-użu ta' xbihat inkurunati f'santwarji oħrajn. Il-fama ta' dan is-santwarju kompliet tikber meta l-arċisqof Gonzi kien offra żewġ xemgħat mibgħutin mill-papa, bħala l-eqdem santwarju Marjan f'Malta, u kompla ġie aktar magħruf meta żaru il-Papa Ġiovanni Pawlu II f'Mejju tal-1990.

---

Photographs appearing on pages 99 and 103 associated with the article on The Blessing of Animals:

A. Small statue of Saint Anthony the Abbot which is placed in front of the saint's church at Mosta
B. Archpriest blessing animals at Mosta
C. Standard bearer of the Confraternity of Saint Anthony the Abbot at Rabat.
D. Statue of Saint Anthony the Abbot carried by the confraternity of the same saint, Rabat.
E. Statue of Saint Francis of Assisi, during the ceremony of blessing of animals at Queen of the Sacred Heart Church, Sliema.
F. Rosettes (*kukkardi*) ready for the animals blessed at Santa Venera.
G. One of the rosettes mentioned at F
H. Blessing of animals at Santa Venera.

(Photographs by Guido Lanfranco).

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY